**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 086/2018**

**JK ('l-ilmentatrici')**

**vs**

***All Invest Company Ltd*. (C 22239)**
**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Dicembru 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-verbal** tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2019, fejn sar qbil bejn il-partijiet li l-provditur tas-servizz kien kontumaci u ma kienx ser jikkontesta l-kontumacja u li jaqbel ukoll li l-Arbitru jisma' biss il-provi tal-ilmentatrici.

**Ra l-ilment** fejn gie sottomess li l-ilmentatrici kienet giet avvicinata flimkien mal-genituri taghha minn rapprezentant tal-provditur tas-servizz sabiex jinvestu fl-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*) li spjegahulhom bhala prodott b'sahhtu fl-Awstralja u li min jinvesti fih kien ser ikollu l-kapital garantit.

Il-flus kienu ser jigu investiti fi progett kbira ta' zvilupp fl-Awstralja u kien ser irendi imghax ta' 7% fis-sena.

Fuq dawn il-promessi hija investiet is-somma ta' €15,424.83.

L-imghaxijiet thallsu fl-2011, 2012 u nofs l-2013, u minn hemm ma rceviet l-ebda imghax iehor u flok l-investiment immatura u hadet il-kapital lura, baqghet b'xejn ghax il-kapital ma thallasx.

**Wara li kitbu lill-provditur tas-servizz dan lanqas biss irrispondihom.**

**Il-provditur tas-servizz huwa kontumaci.**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Sema' lill-ilmentatrici**

**Jikkonsidra**

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jird jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[1]

F'dan il-kaz, il-provditur tas-servizz ma kkontestax il-kontumacja, però, peress li l-kontumacja titqies kontestazzjoni, l-ilmentatrici xorta trid tipprova l-kaz taghha.

Il-fatti ewlenin tal-kaz huma dawn li gejjin:

- Il-provditur tas-servizz biegh l-*LMMPF* lill-ilmentatrici li, kif xehdet hi, ma kellha l-ebda investiment iehor;
- Ma kinetx taf li l-investiment ma kienx tajjeb ghaliha u kien minghaliha li kif weghedha r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz, il-prodott kellu l-kapital garantit;
- Kien ghadha kif bdiet tahdem bhala segretarja ma' *estate agent*;
- Tghid ukoll li ma kinetx tifhem f'affarijiet ta' investimenti finanzjarji u kull ma kellha sa dak iz-zmien kien *savings account*.[2]

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund (LMMPF)***

Sabiex ma joqghodx jirrepeti ruhu, l-Arbitru jaghmel referenza ghall-analizi ta' dan il-prodott li saret fil-kaz ***Carmen Pace vs All Invest Co. Ltd.* (Kaz Nru 085/2017) deciz fil-25 ta' Marzu 2019,** u dik l-analizi tghodd ghal dan il-kaz ukoll.

Minn dik l-analizi jirrizulta li t-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi ukoll ir-riskju li l-*manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas

[1] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[2] *A fol.* 27-28

konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur, kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

L-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund*.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna**.

Dan il-prodott ghandu jitqies prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS.* Skont ir-regoli tal-*MiFID* (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA, PART B* ta' l-*Investment Services Rules for Investment Services Providers*), biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa (u, allura, il-provditur tas-servizz seta' jbiegh il-prodott minghajr ma jitlob informazzjoni minghand il-klijent fir-rigward ta' *KNOWLEDGE AND EXPERIENCE*), kellu jilhaq erba' principji f'daqqa.

Wiehed minn dawn il-principji huwa dan:

'*There are frequent opportunities to dispose of, redeem, or otherwise realise that instrument at prices that are publicly available to market participants and that are either market prices or prices made available, or validated, by valuation systems independent of the issuer*.'

Dan il-kriterju il-prodott ma jilhqux. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, jidher car li dan il-prodott, skont regola 2.16 tal-*Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* mahruga mill-*MFSA* in segwitu tad-Direttiva *MiFID,* ma kienx *suitable* ghaliha u qatt ma seta' jinbiegh lilha.

Ma kienx jilhaq l-objettiv taghha tal-investiment li riedet prodott b'kapital garantit; ma kellhiex l-esperjenza u t-taghrif necessarju sabiex tifhem ir-riskji marbuta mal-prodott peress li ma kinetx investiet qabel u kellha biss *savings*

*account.* Peress li kienet bil-paga u kien ghadha kif bdiet tahdem ma kinetx tiflah tassorbi dak it-telf. Ghalhekk, it-tliet kriterji tas-*suitability assessment* skont Regola 2.16 tal-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions* mahruga mill-*MFSA* taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx sodisfatti

Ghalhekk sar *mis-selling* tal-prodott.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

Galadarba sar *mis-selling* tal-prodott, l-ilmentatrici kemm jista' jkun ghandha titpogga fil-pozizzjoni originali taghha meta investiet u, ghalhekk, ghandha tinghata l-kapital li investiet lura ghax dan kien it-telf li ghamlet.

Jirrizulta li l-ilmentatrici investiet is-somma ta' €15,424.83.[3]

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentatrici s-somma ta' €15,424.83, li minnhom ghandhom jitnaqqsu kwalunkwe imghaxijiet li l-ilmentatrici dahhlet.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[3] *A fol.* 11